MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2008

Numru 5/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvette Farrugia)**

**vs**

**Anton Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Anton Agius ta' 24 sena iben Anthony u Emanuela mitwielda Caruana, mwieled Pieta' fl-24 ta' April 1980, u residenti fil-fond 43A,

Triq Vassalli Haz-Zebbug detentur tal-karta tal-identita' bin-numru; 213980 (M) gie akkuzat:

Talli (1) nhar il-Gimgha 31 ta' Dicembru 2004, minn gewwa l-hanut Nigret Pharmacy, li jinsab gewwa Triq iz-Zahar fir-Rabat Malta, ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija, ikkommeta serq ta' ammont ta' flus li jeccedi l-mitt lira Maltin izda inqas minn elf lira Maltin u dan ghad-dannu ta' Yvette Borg Cardona, liema serq hu aggravat bil-valur;

U aktar talli (2) kiser il-provedimenti tal-artikolu 9 tal-Kap 152 (illum artikolu 22 tal-Kap 446) sentenza datata 5 ta' Dicembru 2002, fejn hu

kien gie misjub hati ta' reat u liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien ta' tlett snin.

Ghaldaqstant, fil-waqt li tesebixxi l-fedina penali u estratt mill-Att tat-Twelid ta' l-imsemmi Anton Agius, titlob li dan il-kaz jigi nvestigat skond il-Ligi.

Semghet Provi

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok C li jinsab a fol 13 tal-Process u nnutat li l-imputat Anton Agius m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Illi nkwantu ghall-ewwel akkuza, li tirrigwarda serq aggravat, il-pern tal-kwistjoni hu jekk mill-provi prodotti jirrizultax sodisfacentement ippruvat li kien l-imputat Anton Agius li ikkommetta tali serq.

F’ dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal brani mid-deposizzjoni ta’ Miriam Cortis li fis-Seduta tat-18 ta’ Jannar, 2005, inter alia, qalet: “Nghid jiena rajt ragel ihallas l-istocc tal-helu. Nghid dana r-ragel li rajtu jhallas l-istocc tal-helu fl-ispizerija qieghda naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla u nghid li jiena dan gharaftu mill-ewwel. Jiena lil dan ir-ragel nista’ nghid li qieghda naghrfu b’ certezza ghax dan ir-ragel meta rajtu jhallas lill-ispizjara ghall-istocc tal-elu rajtu li idejh bdew jitreghdu u allura jiena harist lejh darbtejn.” “……..”

“Nghid jiena meta dan ir-ragel hareg minn gewwa l-ispizerija, l-ispizjara lili saqsietni jekk jiena kontx rajt lil dan ir-ragel idur madwar l-ispizerija. Dak il-hin it-tifla tieghi Janice qabzet u qalet lill-ispizjara li hi kienet rat lil dan ir-ragel li kien ha flus minn gewwa l-*cash register*.

“…………”

“Nghid illi jiena naf illi l-imputat meta kien gewwa l-ispizerija kellu beritta tas-suf go rasu …….” Nghid jiena meta gew imbaghad ikellmuna l-Pulizija d-dar, jiena l-Pulizija ghidtilhom li jiena jekk din

il-persuna naraha kont kapaci naghrafha, u b’ referenza ghall-persuna li jiena rajt ihallas l-istocc tal-helu lill-ispizjara li t-tifla tieghi kienet qalet li ratu jisraq il-flus mill-*cash register*” (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezami l-istess xhud Miriam Cortis fl-istess Seduta, inter alia, qalet: “Nghid jiena fil-hin illi l-imputat mar biex ihallas l-istocc lill-ispizjara jiena kont qieghda nkellem lill-habiba tieghi, pero’ l-agir ta’ l-imputat issuspettani u ghalhekk jiena waqaft nitkellem u harist lejh.” (Sottolinjar tal-Qorti).
Hawn il-Qorti taghmel referenza ghal brani mid-deposizzjoni ta’ Janice Cortis li fid-deposizzjoni taghha

moghtija fis-Seduta tat-18 ta’ Jannar, 2005, inter alia, qalet: “Jiena ghandi disa’ (9) snin.” “…………………”

“Nghid jiena meta kont qieghda fl-ispizerija kont qieghda nhares lejn il-helu ……… u jiena rajt ragel illi dana r-ragel rajtu jiehu l-flus tat-*ten*. Dan ir-ragel rajtu jiehu l-flus mill-*cash register* ta’ l-ispizerija.” “…………”

“Nghid illi mbaghad dan ir-ragel ha stocc tal-helu u mbaghad mar ghand l-ispizjara biex ihallas ta’ dan l-istocc tal-helu. Nghid li jiena meta r-ragel rajtu jiehu l-flus mill-*cash register*, dana rajtu jpoggihom go basket zghir tal-karti. Inzid nghid illi mbaghad dan ir-ragel hallas lill-ispizjara ta’ l-istocc tal-helu u mbaghad dan ir-ragel telaq il’ barra.

“Nixtieq nghid illi dan ir-ragel huwa u hiereg mill-ispizerija habat ma wahda mara. Nixtieq nghid illi dana r-ragel, kif ghidt, hu u hiereg bl-ghaggla habat ma’ mara………”

“………..” Nixtieq inzid nghid illi din il-mara li maghha kien habat ir-ragel kienet qalet illi dan ir-ragel kellu l-bieba tal-karozza mkissrna.” “……………”

Nghid kemm domt jiena fl-ispizerija l-mama’ kienet qieghda mieghi” “…………” “Fil-fatt meta r-ragel kien qed jisraq jiena mort fuq il-mama’ u ghidtilha li dak kien qieghed jisraq, pero’ il-mama’ ma semghetnix. Fil fatt nghid li l-mama ma semghetnix u baqghet titkellem mal-habiba taghha. Nghid ukoll li qabel ma jiena ghidt lill-ispizjara li kont rajt ir-ragel jiehu l-flus mill-*cash register*, jiena kont ghidt lill-mama’ li dak kien qed jisraq, u cjoe’ meta r-ragel kien ghadu gewwa l-ispizerija” “………”

“Nghid illi jiena dan ir-ragel li rajtu jiehu l-flus mill-*cash register* miniex qieghda naghrfu prezenti fl-Awla.” (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezami l-istess xhud Janice Cortis, fl-istess Seduta, inter alia, qalet:
"Nixtieq nghid illi fejn kont qieghda jien hdejn il-helu kien hemm mara wkoll li hi wkoll rat lir-ragel jiehu l-flus mill-*cash register*, u dan qalitu l-mara. Nghid illi l-helu qieghdin hdejn il-*cash register*." (Sottolinjar tal-Qorti).

In ri-ezami l-istess xhud Janice Cortis, fl-istess seduta, qalet: "Dan ir-ragel kien jidher li huwa ta' eta' zghira u kien jidher ta' qisu fuq l-ghoxrinijiet. Inzid nghid wkoll, nghid illi ahna, cjoe' jiena u l-mama' tieghi konna ilna fl-ispizerija biex nixtru. Nghid illi mbaghad dahal ir-ragel fl-ispizerija u qabizna kollha. Nghid illi dan ir-ragel ma damx hafna fl-ispizerija ghax hu mar, kemm ha l-flus mill-*cash register* u mbaghad mar ihallas ta' l-istocc helu illi kien ha. Nghid dan ir-ragel ftit kien dam gewwa l-ispizerija". (Sottolinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghal brani mid-deposizzjoni ta' Katia Farrugia li fis-Seduta tat-18 ta' Jannar, 2008, inter alia, qalet: "Nghid illi fil-31 ta' Dicembru, 2004, jiena kont qieghda gewwa n-*Nigret Pharmacy* sitwat fir-Rabat Malta, u dana qisu fil-hinijiet bejn qisu l-hamsa u nofs (5:30) u s-sitta (6:00), izda nghid dwar il-hin miniex certa ………" "Issa, kif jiena u diehla fl-ispizerija kien hemm guvni u dana habat go fija."

Nghid dan il-guvni hu bhala kuntatt mieghi fil-bieb ta' l-ispizerija kien li dana baqa' diehel go fija u nghid li dana agixxa, skond il-fehma tieghi b' fixkla. Nghid illi dan il-guvni kellu beritta go rasu, ……" "……..” "Nghid illi qieghda inhares madwari fl-Awla u naghmel referenza ghall-imputat prezenti fl-Awla. Nghid li bhala statura u korporatura nghid illi dan ir-ragel li bil-fixkla habat mieghi hija korporatura u statura ta' l-imputat pero' nghid li bhala wicc jiena miniex certa. Jiena dan il-persuna kellu cans li narah ftit frazzjoni ta' sekonda, dana fis-sens illi kemm wiehed jahbat ma' bniedem." "………." "Nghid bhala ammont ta' *cash registers* f' din l-ispizerija kien hemm *cash register* wahda." (Sottolinjar tal-Qorti).

F’ dan l-istadju il-Qorti taghmel riferenza ghal brani mid-deposizzjoni ta’ Yvette Borg Cardona li fis-Seduta tat-18 ta’ Jannar, 2008, inter alia, qalet:

“Nghid jiena l-ispizerija li nahdem gewwa n-*Nigret Pharmacy* …….”

“Nghid illi fil-31 ta’ Dicembru, 2004, ghall-habta ta’ xi s-sitta u ghoxrin (6:20) jew is-sitta u nofs ta’ fil-ghaxija (6:30p.m.), wara li jiena spiccajt naqdi wahda mara gie guvni u qalli biex inzommlu ta’ pakkett helu. Jiena zammejtlu tal-helu u x’ hin telaq ‘il barra, peress li idu kienet qieghda titrieghed, jiena allura issuspettajt ……..”

“………………………………….”

“Nghid dan il-guvni biex hallas tal-helu kien tani flus ezatt u allura jiena ma kellix ghalfejn intih bqija. Jiena qabadni suspett fuq dan il-guvni ghax bdejt ninnutah li idejh bdiet titrieghed. Jiena kont qieghda kwazi hdejn il-*cash register* meta jiena staqsejt lin-nies dwar dan il-guvni, u nghid, biex inkun aktar preciza, kont vicin tal-*cash register*. Jien dak il-hin, peress li jien kelli hafna nies, il-kexxun tal-*cash register* kien imbexxaq u kien dak il-hin li jien indunajt imbaghad li kelli l-flus neqsin mill-cash register.

Nghid kien wara li qaltli l-mara u t-tifla illi kien hemm guvni li hadli l-flus mill-*cash register* li jiena indunajt li mill-*cash register* kelli l-flus neqsin. Jiena l-ewwel suspett fuq dan il-guvni kien meta jien rajtlu idu titrieghed.” “……………”

“Jiena mbaghad ghamilt, iccekkjajt billi ccekkjajt iz-*Z-reading* tal-*cash register* u bhala rizultat irrizultali illi bejn wiehed u iehor, ghalkemm nghid li din hija cifra kwazi vicin hafna c-cifra reali, l-ammont li naqasli mill-*cash register* kien ta’ erba’ mija u hamsin liri Maltin (Lm 450).

"Nghid in kwantu ghall-flus li gew misruqa nghid li dawna kienu konsistenti f' karti ta' l-ghaxar liri (Lm 10) u f' karti tal-hames liri (Lm 5)". "………"

"In kwantu ghall-hinijiet illi kienu meta sehh li ttiehduli l-flus, nghid dak kien hin dawk kienu hinijiet fejn nahseb li l-kaxxun tal-*cash register* kien il-hin kollu imbexxaq u mhux maghluq.

Nghid illi dana l-guvni illi hallasni ghal dawn il-helu kien liebes beritta f' rasu, jidhirli li kienet skura, u kellu gakketta tipo tat-*track suits* li kienet ta' kulur griz car." "………"

"Nghid illi, nixtieq inzid nghid illi qieghda nhares madwari gewwa l-Awla u naghmel referenza ghall-imputat prezenti fl-Awla u nghid illi dana nista' nghid li qisu l-persuna illi gie jixtri dan l-istocc helu li idejh bdew jitrieghdu, pero' nghid bhala statura, u cjoe' bhala tul u bhala *built* huwa l-istess bhal dan il-guvni li semmejt; li miniex certa hija dwar il-parti tal-wicc ghaliex nghid dak in-nhar dak il-guvni kien liebes beritta, allura ma nistax nghid b' certezza illi in kwantu ghall-wicc illi huwa l-istess"

"……………" (sottolinjar tal-Qorti)

In kontro-ezami l-istess xhud Yvette Borg Cardona fl-istess Seduta, inter alia, qalet: "……………………………………….."
"Biex wiehed ikun jiehu l-flus minn gewwa l-*cash register*, lanqas wiehed ghandu ghalfejn jidhol fuq in-naha tal-*counter*, jista' jkun qieghed fuq in-naha tal-klijent u hu kemm idawwar idejh ghax idejh imbaghad tigi fil-kexxun. Kif kien qieghed ippustjat dak in-nhar il-*cash register* kien qieghed proprju fuq in-naha li jekk klijent ikun qieghed fuq iz-zona tal-klijent u jdawwar idejh fuq il-*cash register*, l-ewwel parti li ha tigi tal-kexxun tkun fejn kien hemm il-flus tal-hames liri (Lm 5) u l-ghaxar liri (Lm 10)."

"……………….."

"Nghid ghaldaqstant jiena l-ammont ta' erba' mija u hamsin lira (Lm450) illi lili insterquli mill-*cash register* kienu mill-flus tal-*cash flow* li jiena poggejt u mill-flus tal-klijenti li hallsuni rigwardanti n-nofs t' inhar ta' fil-ghaxija tal-31 ta' Dicembru, 2004." (Sottolinjar tal-Qorti)

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Tania Fenech li fis-Seduta tal-15 ta' Marzu, 2005 qalet: "Nghid illi fil-31 ta' Dicembru 2004 jiena kont qeghda Nigret Pharmacy sitwat gewwa r-Rabat Malta u nghid li kienu qrib xi s-sebgha ta' filghaxija. Jien mort biex nixtri ingwent ghax kont waqajt u nghid dahlet persuna li kienet b' beritta, nahseb li kien ragel, dan rajtu riesaq lejn il-cash, nghid jiena imbaghad lil dan ir-ragel ghall-ewwel hsibtu li kien sejjer jiehu xi helu jew biex ihallas lill-ispizjara pero imbaghad rajtu dan jiehu ammont zghir ta' flus forsi xi hamsin lira (Lm 50) u jiena rajtu jiehu karti ta'flus u ma rajtux jiehu muniti. Jiena qed nindika b' idejja li nuri li l-ammont li rajt kien qisu ammont zghir pero nghid li ma nistax nghid kemm kien l-ammont. Nghid li l-ammont ma nafx kemm kienli ha dan ir-ragel, setghu kienu ammont ta' anke hames mitt lira (Lm 500). Nghid illi qeghda nara l-imputat prezenti fl-Awla u nghid li nahseb li dan kien hu li ha dawn il-flus. Nghid pero dan dakinhar kien bil-beritta. Nghid dan kien liebes qidu beritta bhal tal-baseball. Din kienet griza skura. Bhala hwejjeg dan ukoll kien liebes skur (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezami l-istess xhud Tania Fenech fl-istess Seduta qalet: "Nghid illi jien il-persuna li rajt jisraq ghalija kien ragel. Qed nigi mistoqsija mid-difiza jekk setax minhabba li din il-persuna kien liebes beritta f' rasu din kienitx mara u allura mhux ragel, nghid u nirrispondi li dan kien ragel. Jien nghid li l-persuna li serqet mill-cash register jiena rajt il-genb ta' wiccha u nghid ukoll li ghalija kien ragel pjuttost guvni u bhala statura kellu wkoll id-daqs ta' l-imputat prezenti fl-Awla ghalhekk jiena qed nghid illi jista' jkun illi l-persuna li rajtha tiehu l-flus mill-cash register huwa l-imputat". (Sottolinjar tal-Qorti).

F’ dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni tal-imputat Anton Agius li fis-Seduta tal-14 ta’ Settembru, 2007 qal:

“Nghid illi fil-31 ta’ Dicembru 2004 jiena dhalt nixtri minn gewwa hanut. Rajt spizerija miftuha kienet in-Nigret Pharmacy. Jiena dhalt nixtri. Jien dhalt biex nixtri n-needles ghax dak iz-zmien kont niehu d-droga. Peress li jiena gharus ir-Rabat. X’ hin dhalt in-nies kont naf, u cioe’ kont naf il-klijenti li kien hemm. Peress illi jiena allura kont naf lil klijenti biex ma naghtihomx fil-ghajn ma xtrajtx in-needles. U biex ma nohrogx b’ idi vojta mill-hanut ghidt lil persuna li kienet qeghda tbigh ittini zewg stoccijiet helu. Jiena hallastha taghhom. Ma hiniex cert jekk taghtniex receipt jew le u tlaqt ‘il barra. Wara xi gurnata u nofs gew il-pulizija ghalija u qaluli li jiena kont sraqt lil tal-hanut. Jiena nichad illi kont sraqt minn dak il-hanut.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti bran mill-Istqarrija tal-imputat Anton Agius datata 3 ta’ Jannar 2005 (Dok FY 1):

“M. Taf tghidli fejn mort meta inti mort ir-Rabat dak inhar ta’ lejlet l-ewwel tas-sena?

T. Nghid li ghal habta tas-sitta ta’ filghaxija, jien mort nixtri minghand tal-lira tar-Rabat u wara bqajt sejjer in- Nigret Pharmacy li tinsab gewwa r-Rabat biex in-needles izda nghid li in-needles ma staqsejt ghalijhom ghax sthajt nghid lil spizjara ghax kien hemm hafna nies gewwa l-hanut. Minflok li staqsejt ghan-needles, jien xtrajt zewg stoccijiet helu, hallast ghalijhom u tlaqt il-barra.”

Hawn jigi osservat li waqt li fid-deposizzjoni tieghu l-imputat qal li ma xtrax in-needles biex ma jaghtux fil-ghajn lil klijenti li kien jafhom, fl-Istqarrija tieghu l-imputat qal li in-needles ma staqsiex ghalihom ghax kien hemm hafna nies gewwa l-hanut.

Inoltre l-imputat fid-deposizzjoni tieghu qal li biex ma johrogx b' idejh vojta mill-hanut qal lil persuna li kienet qeghda tbigh ittih zewg stoccijiet helu.

Hawn jigi rilevat li x-xhud Janice Cortis (Seduta tat-18 ta' Jannar, 2008) qalet: "Nghid illi imbaghad dan ir-ragel ha stocc tal-helu u mbaghad mar ghand l-ispizjara biex ihallas ta' dan l-istocc tal-helu". (Sottolinjar tal-Qorti)

Inoltre ix-xhud Miriam Cortis (Seduta tat-18 ta' Jannar, 2005) qalet: "Jiena lil dan ir-ragel nista nghid li qieghda naghrfu b' certezza ghax dan ir-ragel meta rajtu jhallas lill-ispizjara ghall-istocc tal-elu rajtu li idejh bdew jitreghdu u allura jiena harist lejh darbtejn. Smajtu jghid lill-ispizjara "Jekk joghgbok tista' izzomm ta' dan l-istocc tal-helu?" (Sottolinjar tal-Qorti).

F' dan ir-rigward tirrileva li ix-xhud Yvette Borg Cardona (Seduta tat-18 ta' Jannar, 2005) qalet "……. wara li jiena spiccajt naqdi wahda mara gie guvni u qalli biex inzommlu ta' pakkett helu." (Sottolinjar tal-Qorti).

Fil-fehma tal-Qorti dan il-konflitt bejn il-verzjoni tal-imputat u l-imsemmija tlett xhieda irendi lill-imputat mhux kredibbli.

Il-Qorti tiddikjara li rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat tali akkuza tirrizulta sodisfacentement ippruvata ghax mill-kumpless tal-provi prodotti jemergi l-fatt li kien l-imputat Anton Agius li ikkommetta ir-reat addebitat lilu fl-ewwel akkuza.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Anton Agius u cioe' talli kiser il-provediment tal-aritkolu 9 tal-Kap 152 (illum artikolu 22 tal-Kap 446) Sentenza datata 5 ta' Dicembru 2002, fejn hu kien giemisjub hati ta' reat u liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien ta' tlett snin, il-Qorti tiddikjara li mill-provi prodotti jirrizulta li din l-akkuza ma gietx sufficjentement ippruvata. Difatti il-Prosekuzzjoni naqset li tesebixxi kopja tas-Sentenza riferita f' din it-tieni akkuza.

Rat l-artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti issib lill-imputat Anton Agius hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali aggornata tal-imputat Anton Agius, u wara li rat l-artikolu 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat Anton Agius ghall-piena ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Anton Agius jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-istess imputat Anton Agius, peress li din l-akkuza ma gietx sufficjentement ippruvata ghaldaqstant tillibera lill-imsemmi imputat Anton Agius minn din it-tieni akkuza.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Anton Agius l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------